MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 822/2004

**MALTA INTERNATIONAL AIRPORT p.l.c.**

vs

Michael **FENECH**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-27 ta' Ottubru, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriċi talbet lil din il-Qorti biex issib li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali fit-2 ta' Settembru, 2004, fl-Atti tal-Kwestjoni tax-Xogħol bejn Michael Fenech u Malta International Airport p.l.c. (Deċiżjoni 1534) kienet waħda nulla u ma tiswiex. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Novembru, 2004, li bih tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi fis-7 ta' Jannar, 2005, bit-tagħrif u d-dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-30 ta' Ottubru, 2006, li biha l-imħarrek Michael Fenech laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni waqgħet deżerta għall-finijiet tal-artikolu 963(1) tal-Kap 12 u dan għaliex il-proċedura bil-miktub ħadet aktar minn sitt xhur biex ingħalqet. Laqa' wkoll billi qal li l-azzjoni attriċi hija irrita, u dan għaliex ladarba l-kumpannija attriċi kienet qiegħda tattakka fuq punt ta' dritt deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali, l-għażla tagħha kienet li tappella minn dik id-deċiżjoni skond l-artikolu 82(3) tal-Kap 452 u mhux li tiftaħ kawża bħal din (ta' stħarriġ ġudizzjarju). Fil-mertu, qal li t-talba attriċi jmissha titwarrab għaliex fl-għoti tad-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal Industrijali qagħad għal kollox għal dak mitlub minnu mil-liġi u ma marx lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilu mill-istess liġi, wasal għad-deċiżjoni tiegħu skond il-fatti miġjubin quddiemu, u ta deċiżjoni li hija fil-kompetenza esklussiva tal-istess Tribunal li jagħti (tkeċċija mill-impieg). Temm jgħid li l-għan waħdien tal-kumpannija attriċi hu li tinqeda b'din il-kawża biex iżżommu milli jerġa' jidħol lura fuq xogħlu, u qiegħda żżommu sospiż mingħajr paga minkejja d-deċiżjoni tat-Tribunal;

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Jannar, 2007, li bih qiegħdet il-kawża fuq il-lista tal-kawżi ta' qabel is-seduta (*pretrial*) u ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor ix-xhieda tal-partijiet;

Rat il-verbali tas-seduti u x-xhieda mogħtija waqt l-istess seduti quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Frar, 2008[1], li bih u fuq talba magħmula mill-avukati tal-partijiet, ordnat li t-trattazzjoni tal-għeluq issir permezz ta' noti ta' sottomissjonijiet;
Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fl-1 ta' April, 2008[2];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fid-19 ta' Settembru, 2008[3], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2008[4], li bih u fuq talba tal-avukat tal-kumpannija attriċi, tat żmien lill-partijiet li jressqu noti ta' sottomissjonijiet b'replika għal dawk tal-kontro-parti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ulterjuri mressqa mill-kumpannija attriċi fit-3 ta' Novembru, 2008[5];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Jannar, 2009, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjaru ta' deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali fit-2 ta' Settembru, 2004, li bih sabet li l-imħarrek kien tkeċċa inġustament mill-impieg minn mal-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "MIA") fil-11 ta' Diċembru, 2002. Hija tgħid li t-Tribunal Industrijali naqas milli jagħtiha smigħ xieraq, iddeċieda bi ksur tal-liġi li huwa mwaqqaf taħtha (billi iddeċieda kontra d-dispożizzjonijiet ta' strument li għandu s-saħħa ta' liġi), u billi ta deċiżjoni irrazzjonali meta meqjusa fid-dawl taċ-ċirkostanzi materjali tal-każ;

[1] Paġ. 259 tal-proċess
[2] Paġġ. 261 – 7 tal-proċess
[3] Paġġ. 302 – 7 tal-proċess
[4] Paġ. 308 tal-proċess
[5] Paġġ. 309 sa 311 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' b'żewġ eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari, u kif ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu. B'tal-ewwel, huwa qal li l-azzjoni marret deżerta u wkoll li kienet irrita, għaliex l-MIA messha appellat mid-deċiżjoni tat-Tribunal u mhux fetħet din il-kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju; b'tat-tieni qal li t-talba attriċi ma jmisshiex tintlaqa' billi t-Tribunal Industrijali iddeċieda sewwa u fil-limiti tas-setgħat tiegħu u li dak li trid tipprova tikseb il-kumpannija attriċi b'din il-kawża hu biss li żżommu 'l barra mill-impieg tiegħu, sospiż bla ħlas, u bi sfida għal dak li iddeċieda t-Tribunal;

Illi mill-<u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li l-imħarrek kien impjegat mal-MIA bħala *supervisor* fit-Taqsima tas-Sigurta' u Amministrazzjoni fl-ajruport inkarigat bis-sorveljanza tal-kuntratturi mqabbdin mill-MIA biex jaħdmu fl-ajruport[6]. Fil-11 ta' Settembru, 2001, waqt li huwa kien għax-xogħol, għamel telefonata anonima lill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija biex jgħid li kienet tqiegħdet bomba fl-ajruport internazzjonali ta' Malta. Huwa ċempel minn kabina telefonika fil-bini tal-istess ajruport li setgħet tintlaħaq biss mill-impjegati tal-ajruport[7]. Dak inhar kien seħħ l-attakk terroristiku fuq bnadi differenti tal-Istati Uniti. Minħabba t-telefonata, kienet saret tfittixija estensiva fil-bini tal-ajruport, li fiha kien ħa sehem ukoll l-imħarrek;

Illi wara li l-Pulizija kienet għamlet l-istħarriġ meħtieġ, kienet ressqet lill-imħarrek quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u xlietu b'għadd ta' rejati. Minn dak inhar, MIA issospendiet lill-imħarrek mix-xogħol. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' Lulju, 2002, huwa nstab ħati u ngħata sentenza ta' sitt xhur ħabs sospiża għal sentejn. MIA qieset li l-għamil li tiegħu l-imħarrek instab ħati kien ta' xorta tali li d-deċiżjoni dwar il-miżuri li kellhom jittieħdu kontrih kellha tittieħed mill-Bord tad-Diretturi tagħha u mhux bit-teħid ta' proċeduri dixxiplinari interni;

Illi l-Bord kien qatagħha (skond ma jgħid il-Ftehim Kollettiv fis-seħħ dak iż-żmien) li jibgħat għall-imħarrek u jisma'

---

[6] Xhieda ta' Mario Cuomo 2.7.2007, f'paġ. 224 tal-proċess
[7] *Ibid.* f'paġ. 225 tal-proċess

x'għandu x'jgħidlu. F'Ottubru tal-2002[8], il-Bord bagħat javża lill-imħarrek li jekk ried li jinstema' quddiemu, kellu jagħmel dan b'avviż fi żmien għaxart ijiem. L-imħarrek qabbad avukat li, f'ismu, kiteb lill-Bord biex jitlob li jitħalla jressaq il-każ tiegħu quddiemu[9]. Il-Bord kien għarraf lill-avukat tal-imħarrek bid-data meta kellu jidher quddiemu (flimkien mal-avukat tiegħu) biex iressaq il-każ tiegħu. Fid-data msemmija, la l-imħarrek u lanqas l-avukat tiegħu ma dehru. Il-Bord qatagħha li jtemm l-impieg tal-imħarrek fil-11 ta' Diċembru, 2002;

Illi fis-16 ta' Diċembru, 2002, rappreżentant tal-GWU kiteb lill-MIA biex jitlobha biex tieħu l-passi meħtieġa biex tirtira l-avviż ta' temm tal-impieg u biex jitwettqu kif imiss il-proċeduri dixxiplinari dwar l-imħarrek[10]. Dak inhar ukoll, l-avukat tal-imħarrek kiteb lill-Ministru biex jitolbu jressaq il-każ quddiem it-Tribunal Industrijali dwar tkeċċija allegata li saret inġustament. Il-Ministru ressaq it-talba quddiem it-Tribunal fl-20 ta' Diċembru, 2002, u t-Tribunal beda jisma' l-każ fit-3 ta' Frar, 2003. Fit-2 ta' Settembru, 2004[11], it-Tribunal ta d-deċiżjoni tiegħu fejn sab li t-temm tal-impieg kien ir-riżultat ta' tkeċċija teknikament inġusta għaliex qies li l-Bord kien "naqas serjament li jagħti widen għal smigħ xieraq skond kif hu elenkat fil-Ftehim Kollettiv". It-Tribunal għadda wkoll biex jordna li l-imħarrek jerġa' jingħata l-impieg li kellu qabel tkeċċa (*reinstatement*);

Illi din il-kawża nfetħet fis-27 ta' Ottubru, 2004, u dak inhar ukoll MIA kitbet lill-imħarrek biex tgħarrfu biha u biex tgħidlu li l-Bord kien sejjer iwettaq id-deċiżjoni tat-Tribunal u jagħmel smigħ ieħor il-ġimgħa ta' wara u li huwa seta' jattendi għalih biex iressaq il-każ tiegħu[12]. Huwa kien mar għaliha flimkien mal-avukat tiegħu[13];

Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ li għandha quddiemha din il-Qorti huma ta' żewġ xorta. Hemm dawk magħmula meħtieġa minħabba l-eċċezzjonijiet ta' xejra

8 Dok "B", f'paġ. 48 tal-proċess
9 Dok "Ċ", f'paġ. 49 tal-proċess
10 Dok "GA1", f'paġ. 234 tal-proċess
11 Paġġ. 12 sa 22 tal-proċess
12 Dok "GA", f'paġ. 233 tal-proċess
13 Xhieda ta' Dr. Karmenu Mifsud Bonniċi 29.10.2007, f'paġġ. 239 – 240 tal-proċess

preliminari mqanqlin mill-imħarrek. Imbagħad hemm dawk marbutin mal-mertu tal-azzjoni attriċi. Jeħtieġ li, qabel kull ħaġ'oħra, l-Qorti tistħarreġ l-eċċezzjonijiet preliminari. L-imħarrek qajjem żewġ eċċezzjonijiet preliminari: l-ewwel waħda tad-deżerzjoni tal-atti u l-oħra tal-irritwalita' tal-azzjoni;

Illi, dwar l-**eċċezzjoni preliminari li l-kawża marret deżerta** jidher li l-imħarrek ma baqax jisħaq wisq fuqha. Ma ressaq l-ebda sottomissjoni dwarha, minkejja li l-għaref difensur tiegħu kien, b'dikjarazzjoni magħmula qabel ma l-Assistent Ġudizzjarju għaddiet għall-ġbir tal-provi fl-14 ta' Mejju, 2007, iddikjara li l-imħarrek kien qiegħed iżomm sħiħa l-pożizzjoni tiegħu dwar dik l-eċċezzjoni[14]. Għalhekk, ladarba l-imħarrek ma irrinunzjax għal dik l-eċċezzjoni, l-Qorti trid tiddeċidiha;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dik l-eċċezzjoni m'hijiex mistħoqqa. L-istitut tad-deżerzjoni huwa maħsub biex jippenalizża lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qiegħed imexxi bil-għaqal il-proċedura mibdija minnu, iżda mhux maħsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawżi u lanqas biex isawwat lill-attur (jew appellant, skond il-każ) minħabba ħtiġijiet amministrativi tal-Qorti[15]. Issa, fil-qagħda proċedurali li tapplika għall-każ, peress li ċitazzjoni ma tistax tiġi notifikata lill-imħarrek qabel ma tkun inħarġet b'ordni mill-Qorti, l-attur ma jistax jiġi kastigat għaż-żmien li jkun għadda bejn meta jkun ressaq l-Att taċ-Ċitazzjoni u meta dan ikun inħareg b'ordni tal-Qorti u, eventwalment, ikun iffissat il-jum tal-ewwel smigħ[16];

Illi għalhekk, jidher li l-waqt li wieħed għandu jqis b'applikazzjoni għaż-żmien imsemmi fl-artikolu 963(1) tal-Kap 12 huwa dak ta' meta jagħlaq iż-żmien li fih il-parti mħarrka tista' tressaq it-Tweġiba Maħlufa tagħha[17];

---

[14] Paġ. 36 tal-proċess

[15] Ara P.A. GCD **5.11.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. T. Azzopardi vs V. Aquilina*** et

[16] Ara P.A. NA **14.7.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance Services Limited et vs E. Paċe et***

[17] Ara P.A. GV **28.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Marisa Bartolo vs Carm Lino Farruġia noe et***

Illi minbarra f'dan, din il-Qorti temmen li l-liġi fir-rigward trid titqies kollha, u wieħed ma jridx iwarrab minn quddiemu dak li jgħid l-artikolu 963(5) tal-Kap 12 dwar iż-żmien imsemmi fis-subartikolu (2) għal dak li jirrigwarda kawżi li jkunu pendenti quddiem il-Qorti fl-ewwel grad. F'dak il-każ, il-liġi tgħid li kawża li l-proċeduri bil-miktub tagħha ma jingħalqux fi żmien tas-sitt (6) xhur, titqies li tqegħdet fuq il-lista tal-kawżi li, f'ċirkostanzi oħrajn, jitħallew *sine die* taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 964 tal-istess Kodiċi. L-artikolu 963(5)(a) tal-Kap 12 ma jgħidx li l-kawża trid tkun segwiet l-*iter* imsemmi fl-artikolu 964(1), imma biss li, f'każ li kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, li l-proċedura bil-miktub tagħha ma tkunx ingħalqet fiż-żmien imfisser fl-artikolu 963(1), din titqies bħala kawża li tkun tqegħdet fuq il-lista tas-smigħ u titqies bħala kawża li, b'ordni tal-Qorti, tkun marret *sine die*, għalkemm fil-fatt ma tkun għadha qatt hekk tqegħdet;

Illi l-frażi "għandha titqies" li tinsab fl-artikolu 963(5)(a) tal-Kap 12 trid tiġi mfissra kif riedha l-leġislatur, jiġifieri li kawża fl-ewwel grad li l-proċeduri bil-miktub tagħha ma jkunux ingħalqu fiż-żmien ta' sitt xhur, tkun tqegħdet għas-smigħ u tħalliet b'ordni tal-Qorti *sine die,* bl-effetti maħsuba fl-artikolu 964 dwar kawżi hekk imħollija, magħdud magħhom l-istadju tal-pubblikazzjoni tal-listi kif hemm imfisser[18];

Illi, għall-kuntrarju, meħudin dawn il-kriterji kollha b'qies, jirrisulta lil din il-Qorti li l-proċeduri bil-miktub f'din il-kawża ntemmu f'waqthom u dan fiż-żmien kontemplat mil-liġi, u għalhekk fil-fehma tagħha, is-sanzjoni maħsuba mil-liġi ma tistax tiġi applikata f'dan il-każ;

Illi, b'żieda ma' dan kollu, irid jingħad li kemm bis-saħħa ta' tifsir iżjed aġġornat mogħti mill-Qrati Maltin kemm fl-ewwel istanza[19] u kif ukoll fi grad tal-appell[20], u kif ukoll bis-saħħa ta' bidliet li saru fil-liġi proċedurali sewwasew fil-

---

[18] Ara App. Ċiv. **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur tal-Kuntratti vs Cleanwell Services Limited***
[19] Ara, per eżempju, P.A. RCP **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Giovanna Antida Casha vs Anthony Casha***
[20] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Distinct Conversions Ltd vs Joseph Fasanelli et***

qasam tal-istitut tad-deżerzjoni[21], irid ikun tassew każ lampanti ta' nuqqas ta' tmexxija bil-għaqal min-naħa tal-parti attriċi biex jista' jitħaddem l-effett tad-deżerzjoni;

Illi llum il-ġurnata dan il-mod xieraq ta' tifsir tad-dispożizzjonijiet tal-liġi jinsab espressament imħares fil-kliem ċar tal-artikolu 963(3) tal-Kodiċi, fejn hija mogħtija lill-Qorti li tkun is-setgħa li, "għal darba waħda biss" tagħti l-ordnijiet meħtieġa biex jingħalqu kemm jista' jkun malajr iż-żminijiet perentorji msemmija, bil-ħsieb li "jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta". Dan jgħodd fejn ikun hemm xi nuqqas ta' notifika meħtieġa (bħalma huwa l-każ tal-lum) jew xi nuqqas ta' twettiq proċedurali. Dan is-sub-artikolu jgħodd "ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1)";

Illi fil-każ tal-lum, minħabba li din il-kawża ma kenitx għadha tqiegħdet fuq il-listi tas-smigħ meta l-imħarrek ressaq in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu, lanqas jidher li jista' jingħad li s-sitwazzjoni kienet waslet sal-grad li din il-Qorti kellha għalfejn tinqeda bid-diskrezzjoni maħsuba fl-imsemmi sub-artikolu;

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek;

Illi **dwar l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi hija irritwali** l-imħarrek jgħid li jekk MIA riedet tattakka d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali, kien messha ressqet appell quddiem il-Qorti tal-Appell, kif jaħseb l-artikolu 82(3) tal-Att XXII tal-2002[22], u mhux li tiftaħ kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju bħalma għamlet fil-każ tiegħu. Huwa jżid jgħid li dan iżjed u iżjed jgħodd minħabba li l-kawżali mressqa minn MIA għall-istħarriġ mitlub minn din il-Qorti jaqgħu sewwasew bħala raġunijiet li dwarhom jista' jitressaq appell fuq punt ta' dritt minn deċiżjoni bħal dik;

Illi, min-naħa tagħha, MIA tirribatti dawk l-argumenti billi tgħid li hija ma kellhiex jedd tressaq appell, ladarba l-proċeduri quddiem it-Tribunal kienu nbdew qabel ma kien

[21] B'mod partikolari Att VIII.2007.29
[22] Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta

daħal fis-seħħ il-Kap 452 u allura qabel ma kien ingħata mil-leġislatur id-dritt ta' appell limitat fuq punt ta' dritt li wieħed isib fil-liġi llum;

Illi huwa minnu li llum il-ġurnata l-liġi taħseb għal dritt ta' appell fuq punt ta' liġi fil-każi ta' tkeċċija mill-impieg mingħajr kawża ġusta u f'kawżi li jitressqu quddiem it-Tribunal Industrijali taħt l-artikolu 75(1) tal-Kap 452. Huwa minnu wkoll li minħabba tali rimedju, r-rikors għal stħarriġ ġudizzjarju tal-għamil tat-Tribunal jista' jitqies li m'għadux meħtieġ[23], għalkemm ma tneħħiex għal kollox, speċjalment f'dawk il-każijiet li għalihom id-dritt tal-appell ma japplikax[24]. Iżda huwa fatt ukoll li, kif sewwa tirrileva MIA fin-Nota ta' Replika tagħha, dak ir-rimedju (jiġifieri tal-appell) jgħodd biss għal dawk il-proċeduri li jgħodd għalihom il-Kap 452;

Illi dan jingħad għaliex għalkemm l-Att XXII tal-2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali għadda mill-Parlament fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002, ma daħalx fis-seħħ kollu dak inhar. Mhux hekk biss, imma b'rieda espressa tal-leġislatur, fl-Avviż Legali 425/02 tal-31 ta' Diċembru, 2002, li daħħal fis-seħħ mis-27 ta' Diċembru, 2002, il-bqija tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att, jingħad ukoll li "l-Att dwar it-Relazzjonijiet Industrijali[25] fejn għandu x'jaqsam mal-każijiet kollha li kienu pendenti minnufih qabel dik id-data[26] quddiem it-Tribunal Industrijali kif kostitwit bl-istess Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali għandhom jibqgħu regolati bl-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali kif kien fis-seħħ minnufih qabel dik id-data". Mela, dwar dawk il-każijiet ġa mibdija u pendenti quddiem it-Tribunal qabel is-27 ta' Diċembru, 2002, l-imsemmi dritt ta' appell ma kienx disponibbli għaliex il-Kap 266 (li baqa' jgħodd għalihom) ma kienx jagħti tali dritt[27];

Illi l-każ tal-imħarrek jaqa' f'din il-kategorija ta' proċedimenti quddiem it-Tribunal. Kemm hu hekk, l-ittra

---

[23] App. Inf. **23.5.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Alessandra Theuma vs Alfred Mangion et noe***
[24] App. Inf. **26.6.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***General Workers' Union vs Bank of Valletta p.l.c.*** u l-għadd ta' sentenzi hemmhekk imsemmija
[25] Att XXX tal-1976 (Kap 266)
[26] Jiġifieri s-27 ta' Diċembru, 2002
[27] App. Inf. **24.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Alec Anderson vs ASP Management Services Ltd.***

mibgħuta mill-Ministru liċ-*Chairman* tat-Tribunal Industrijali biex jitressaq il-każ tal-imħarrek dwar Tkeċċija Inġusta – li taħt il-Kap 266 kien meqjus bħala l-ewwel pass li bih tinbeda l-proċedura quddiem it-Tribunal Industrijali – tressaq fl-20 ta' Diċembru, 2002 u tressaq taħt l-intestatura tal-Att Dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266) u mhux taħt l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452)[28];

Illi minħabba li r-rimedju waħdieni aċċettat f'każijiet maqtugħa mit-Tribunal Industrijali taħt il-Kap 266 kien mogħti biss permezz ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, għalhekk l-azzjoni mibdija minn MIA dwar id-deċiżjoni mogħtija fil-każ tal-imħarrek saret sewwa;

Illi għalhekk, it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek m'hijiex sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti tista' issa tgħaddi biex tistħarreġ il-kwestjoni fil-mertu. Safejn **l-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju** m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li din il-Qorti għandha s-setgħa li tisma' kull kawża dwar deċiżjoni jew imġiba ta' korp ġudizzjarju jew kważi ġudizzjarju maħluq bis-saħħa ta' xi liġi. Dan il-prinċipju ovvju ma jeħtieġ l-ebda kwalifika. Dak li jrid jingħad huwa li, madankollu, tali stħarriġ irid isir fil-limiti preċiżi tal-għan tiegħu u m'għandux jiddawwar f'eżerċizzju ta' appell minn jew ta' reviżjoni tal-mertu tal-kwestjoni li dak il-korp ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju kien kompetenti li jqis[29]. Dan jgħodd iżjed u iżjed fejn l-istħarriġ ġudizzjarju jirreferi għat-Tribunal Industrijali;

Illi b'mod partikolari, tali eżerċizzju ta' stħarriġ ġudizzjarju hekk sewwa msejjaħ ġeneralment ma jgħoddx fih intervent dwar jekk it-tribunal jew korp kważi-ġudizzjarju kienx konsistenti bejn dak li tressaq quddiemu bħala fatti u dak li iddeċieda, jew jekk l-apprezzament tal-fatti jew in-nuqqas ta' apprezzament ta' oħrajn kienx wieħed rilevanti, jew jekk it-tribunal messux fehem xi kunċett legali b'mod

[28] Ara l-Avviż f'paġ. 33 tal-proċess

[29] App. Ċiv. **13.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia noe et vs Debono noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.262**) u l-bosta sentenzi msemmijin fiha

minflok mod ieħor[30]. Fuq kollox l-ebda azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ma timmira li tqis mill-ġdid il-mertu. Jekk Qorti tiddeċiedi li tistħarreġ l-imġiba jew id-deċiżjoni ta' tribunal, u ssib li jew (a) li t-tribunal jirriżulta li qabeż is-segħat tiegħu, jew kien nieqes minn setgħa, jew (b) li ma mexiex mal-liġi li taħtha twaqqaf jew (ċ) li naqas li jħares xi wieħed mill-prinċipji tal-ħaqq naturali, l-aktar li l-Qorti tista' tagħmel huwa li tħassar dak l-għamil jew dik id-deċiżjoni, u tordna s-smigħ mill-ġdid, jekk ikun il-każ. Qorti li tistħarreġ lil tribunal amministrattiv ma tistax tgħaddi biex tagħti hi r-rimedju li l-liġi terfgħu lil dak it-tribunal;

Illi l-artikolu 75 tal-Kap 452[31] jgħid b'mod ċar u kategoriku li, minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal ikollu l-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeċiedi l-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta għal kull għan (għajr minn proċeduri dwar reat), u li r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jkun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lil dak it-Tribunal u mhux xort'oħra;

Illi ġie għadd ta' drabi mfisser mill-Qrati tagħna li l-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal hija biss eċċezzjoni għall-ġurisdizzjoni ġenerali u aktar wiesgħa (imsejħa "ġurisdizzjoni ordinarja") li jħaddnu dawn il-Qrati, u l-imsemmija ġurisdizzjoni speċjali, mnissla minn dispożizzjoni ta' liġi speċjali, m'għandhiex titħalla toħroġ lil hinn mil-limiti stretti mfissra f'dak il-liġi speċjali[32];

Illi ta' min iqis ukoll li l-ġurisdizzjoni esklussiva mogħtija lit-Tribunal Industrijali dwar tkeċċija minn impieg meqjusa bħala inġusta hija, fil-kliem tal-liġi, "għal kull għan". Din il-Qorti tifhem li dan ifisser li l-indaġni dwar jekk it-tkeċċija kinitx mistħoqqa jew le jmur lil hinn minn konsiderazzjoni ta' raġuni ġusta u suffiċjenti fil-mertu;

Illi, f'dan ir-rigward, ġie stabilit kemm mill-kitbiet tal-awturi u kif ukoll minn deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali nnifsu li huwa għandu s-setgħa, taħt l-artikolu 75 (l-artikolu 28

[30] App. Ċiv. **20.5.1991** fil-kawża fl-imsijiet ***John Holland noe vs Julian Schembri*** (mhix pubblikata)
[31] Li jsegwi b'xi żidiet l-artikolu 28 tal-Kap 266
[32] P.A. **19.4.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Rossignaud noe vs Borġ noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.502**)

tal-Kap 266), li jifli tkeċċija minn impieg ukoll jekk, minkejja li kien hemm raġunijiet li jiġġustifikawha, din tkun saret b'mod mhux mistħoqq jew inġust[33]. Fi kliem ieħor, din il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal testendi għal dak li huwa magħruf bħala *technically unfair dismissal*. Tali bixra ta' fehmiet baqgħet titqies ukoll matul iż-żminijiet[34]. B'dan għalhekk li, ladarba jiġi stabilit li l-kwestjoni taqa' fil-limiti ta' dik il-ġurisdizzjoni esklussiva, l-Qrati ma jkollhomx iżjed setgħa jidħlu fil-kwestjoni, u jibqa' biss setgħa ta' reviżjoni dwar l-operat tat-Tribunal[35], fit-termini u l-limiti imfissrin iżjed 'il fuq;

Illi, kemm hu hekk, dawn il-Qrati waqfu milli jiddeċiedu kwestjonijiet marbuta ma' talbiet dwar kundizzjonijiet ta' impieg u dan ukoll f'kawżi fejn, biex jagħmlu l-aċċertamenti tagħhom dwar il-każ, kien meħtieġ li tiġi investigata wkoll il-kwestjoni tal-validita' tat-temm tal-impieg[36]. Waqfu saħansitra milli jqisu talbiet fejn ir-raġunijiet wara deċiżjoni ta' temm ta' impieg setgħet kienet kontra l-proċeduri interni stabiliti tal-post tax-xogħol[37];

Illi jekk kien għad fadal xi dubju dwar safejn il-Qrati ordinarji setgħu jgħarblu r-raġunijiet ta' tkeċċija mill-impieg biex jagħtu xi rimedju anċillari lil parti attriċi dwar l-istess impieg[38], jidher li dan issa tneħħa għal kollox bil-bidliet li seħħew fil-Liġi Industrijali, u b'mod partikolari fit-twessigħ tal-azzjonijiet li dwarhom it-Tribunal Industrijali għandu kompetenza esklussiva. Dan għaliex issa żdiedu wkoll dawk l-azzjonijiet kollha li jaqgħu taħt l-ewwel taqsima tal-liġi, jiġifieri dawk id-dispożizzjonijiet li, sa ftit taż-żmien ilu, kienu miġbura taħt l-Att dwar il-Kundizzjonijiet tal-Impieg (kif kien magħruf iċ-Ċ.E.R.A.)[39];

---

[33] Ara, per eżempju, deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tal-**10.3.1981,** fil-każ fl-ismijiet ***Diacono vs M.C.M. Aluminium Limited***

[34] Ara, per eżempju, deċiżjoni tat-Tribunal tal-**24.11.1998**, fil-każ fl-ismijiet ***Debattista vs Koperattiva Indafa Pubblika***

[35] P.A.GCD **20.3..2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Fenech noe vs Victor Fiorentino***

[36] Kumm. **25.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Paċe vs Bondin noe et*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.838**)

[37] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dr. Carmelo Chircop vs Awtorita' Marittima ta' Malta***

[38] App. Ċiv. **30.6.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Nappa vs Cutrans Limited*** (mhix pubblikata)

[39] Art. 75(1)(b) tal-Kap 452

Illi MIA issejjes it-talba tagħha għal stħarriġ tad-deċiżjoni tat-Tribunal fuq erba' (4) kawżali. Hija tgħid li fid-deċiżjoni tiegħu, (a) t-Tribunal naqas b'mod fondamentali meta interpreta l-avvenimenti rilevanti tal-każ bil-mod kif interpretahom; (b) billi ta interpretazzjoni għal kollox żbaljata tal-fatti stabiliti quddiemu u warrab għal kollox it-teżi tagħha, b'mod li kiser fir-rigward tagħha r-regola tal-ġustizzja naturali tas-smigħ xieraq (*audi alteram partem*); (ċ) li ta deċiżjoni kontra dispożizzjoni ta' liġi jew ta' strument b'saħħa ta' liġi; u (d) li d-deċiżjoni attakata hija waħda irrazzjonali;

Illi dwar l-ewwel kawżali, din il-Qorti tifhem li MIA qiegħda tqis li t-Tribunal ma apprezzax li hija kienet tat lill-imħarrek opportunita' tajba biżżejjed biex, jekk ried, jidher quddiem il-Bord tagħha u jressaq il-każ tiegħu. Din il-Qorti temmen li, tħares minn fejn tħares lejn din il-kawżali, MIA qiegħda tibni l-ilment tagħha fuq l-allegat apprezzament ħażin tal-fatti min-naħa tat-Tribunal. Dwar il-kwestjoni tal-apprezzament tal-fatti m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li Qorti msejħa biex tistħarreġ m'għandhiex issir qorti tat-tieni grad. Huwa prinċipju stabilit li l-apprezzament tal-fatti huwa attribut imħolli f'idejn it-tribnal mogħni bis-setgħa li jqis il-każ fil-mertu, u qorti ta' kassazzjoni ma tidħolx fir-reviżjoni ta' dak l-attribut[40]. Meta fliet l-atti tal-każ quddiem it-Tribunal Industrijali, din il-Qorti setgħet tara li fl-imsemmi inkartament hemm provi u dokumenti biżżejjed biex fuqhom it-Tribunal seta' wettaq l-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi. Jidher ukoll li, matul id-deċiżjoni mogħtija minnu u issa attakkata minn MIA l-istess Tribunal qies dawk il-provi. Kif sewwa jissottometti l-imħarrek, ma ntweriex li t-Tribunal irrikorra għal fatti barranin mill-atti jew ħalaq fatti immaġinarji fid-delibarazzjonijiet tiegħu dwar il-każ;

Illi għalhekk il-Qorti ma ssibx li din il-kawżali hija mistħoqqa;

Illi dwar it-tieni kawżali MIA tgħid li ġarrbet ksur tal-prinċipju fundamentali tal-ħaqq naturali tal-*audi et alteram*

[40] Ara, fost l-oħrajn, P.A. JA **11.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***General Workers' Union vs Bank of Valletta p.l.c.***

*partem*. Hija tgħid li t-Tribunal kiser il-ħarsien ta' din ir-regola ewlenija billi fisser għal kollox b'mod żbaljat il-fatti li kellu quddiemu, u ma tax widen għat-teżi tagħha b'mod li qisu ma semagħhiex. Hija tgħid li t-Tribunal bħal donnu daħħal f'moħħu tifsira dejqa ta' kif kellu jqis il-prinċipji tad-dritt naturali (favur l-imħarrek) u webbes rasu biex ma jqis xejn minn dak li kellha x'tissottomettilu hi dwar il-każ. MIA tisħaq li l-prinċipju tal-*audi et alteram partem* jitwettaq tassew meta s-smigħ ikun rejali u mhux biss formalita' mingħajr sustanza;

Illi għal dan l-argument l-imħarrek jilqa' billi jgħid li kienet l-istess MIA li ċaħħditu minn dan il-jedd tiegħu meta qatgħetha li tkeċċih mill-impieg bla ma semgħet x'kellu x'jgħidilha;

Illi l-Qorti tifhem li huwa dmir ta' kull tribunal kważi ġudizzjarju li jħares u effettivament japplika l-prinċipji aċċettati ta' ħaqq naturali. Tifhem ukoll li n-nuqqas ta' dak il-ħarsien iwassal għall-irritwalita' tal-proċeduri mwettqa u tal-provvedimenti mogħtija[41]. Iżda ma jidhrilhiex li l-fatt waħdu li deċiżjoni ta' xi tribunal li ma tkunx laqgħet sottomissjoni jew linja ta' difiża magħmula minn parti fi proċedura quddiemu jitfisser awtomatikament bħala ċ-ċaħda jew nuqqas ta' ħarsien ta' dak il-prinċipju;

Illi meta l-Qorti rat l-atti tal-każ quddiem it-Tribunal, sabet li l-istess Tribunal kien għaraf x'kien l-argument tal-kumpannija appellata u jidher ukoll li tant qiesu li ma sabx li t-tkeċċija kienet waħda ħażina sostantivament, imma biss teknikament. Dwar dan l-aspett, imbagħad, MIA tilminta minħabba l-fatt li t-Tribunal kellu provi biżżejjed quddiemu biex jara li l-appellant (l-imħarrek fil-kawża tal-lum) kien fil-fatt ingħata opportunita' biex jidher quddiem il-Bord u jagħmel il-każ tiegħu, u li kien dan stess li naqas li jieħu dik l-opportunita'. Fi kliem ieħor, MIA tisħaq li seħħilha turi li hija wettqet dak l-obbligu u minkejja dan, it-Tribunal dawwar dak l-obbligu fi privileġġ li minnu l-imħarrek seta' jabbuża b'impunita' billi ma jmurx quddiem

[41] App. Inf. **19.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Debono vs Phonica Systems Ltd.***

il-Bord u mbagħad iressaq il-każ tiegħu quddiem it-Tribunal;

Illi dwar dan il-fatt, il-Qorti tara li kien minnu li l-Bord kien bagħat javża lill-imħarrek li, wara li ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati, kienet ittieħdet id-deċiżjoni li l-każ tiegħu jitressaq quddiem il-Bord. L-imħarrek kien qabbad avukat u, fiż-żmien mogħti, kien talab li jidher quddiem il-Bord. Ġara, iżda, li meta rappreżentant tal-MIA bagħat avviż ta' meta kellha ssir il-laqgħa, dan l-avviż tah lill-avukat. L-avukat, min-naħa tiegħu, naqas li jgħarraf lill-imħarrek b'dik il-laqgħa u b'hekk dan ma deherx. Biex tkompli tgħaqqad, l-avukat ukoll ma setax jattendi u l-Bord baqa' jistenna bla ma deher ħadd quddiemu. Minn dawn iċ-ċirkostanzi kollha, jibqa' l-fatt li sa dak inhar li rċieva l-ittra li kienet tgħidlu li tkeċċa mill-impieg, l-imħarrek lanqas kien għadu jaf li ngħata smigħ mill-Bord tal-kumpannija. F'dan ir-rigward, għalhekk, MIA ma tista' bl-ebda mod tgħid li l-imħarrek abbuża minn jedd mogħti lilu;

Illi għalhekk, din il-Qorti ma tara xejn ħażin bi ksur tas-smigħ xieraq bi ħsara għal MIA li t-Tribunal Industrijali qies dawn iċ-ċirkostanzi u wasal għall-fehma li wasal. Bħalma MIA innifisha sewwa sostniet li l-prinċipji ta' ħaqq naturali għandhom ikunu mħarsa b'mod effettiv u mhux biss b'mod formalistiku, bl-istess mod imissha tqis li meta l-imħarrek ma kien mgħarraf qatt bis-smigħ li kellu jsir quddiem il-Bord hija kienet bl-istess mod formalistiku qiegħda tisħaq li tatu l-opportunita' li jkun mismugħ dwar il-każ tiegħu;

Illi għalhekk din il-kawżali wkoll ma tistax tintlaqa';

Illi <u>dwar it-tielet kawżali</u> għandu jirriżulta li tintrabat ma' ta' qabilha. Huwa fatt li l-liġi[42] torbot lil kull Tribunal Industrijali li ma jagħtix deċiżjonijiet li jmorru, fost l-oħrajn, kontra xi liġi fis-seħħ jew kontra "xi att ieħor li jkollu forza ta' liġi". B'dan il-mod, MIA qiegħda tgħid li meta t-Tribunal Industrijali, fid-deċiżjoni attakkata, qatagħha li jsib li MIA kienet kisret il-jedd ta' smigħ xieraq tal-imħarrek u

[42] Art. 80(4) tal-Kap 452 (u qabel l-art. 32(4) tal-Kap 266)

keċċietu inġustament, l-istess Tribunal kien mar kontra dak li jipprovdi l-Ftehim Kollettiv[43] – liema att il-liġi nnifisha tqis li għandu s-saħħa ta' liġi – u b'hekk kiser il-liġi;

Illi, għar-raġunijiet imsemmija taħt il-kawżali preċedenti, din il-Qorti ssib li din il-kawżali m'hijiex mistħoqqa, jekk mhux ukoll saħansitra fiergħa. It-Tribunal qies l-imsemmi Ftehim Kollettiv u deherlu li kellu jinterpretah bil-mod minnu msemmi fid-deċiżjoni. Minn dak li ra quddiemu, t-Tribunal seta' jasal għal dik il-fehma u rabatha mat-tifsira li deherlu li kellu jagħti lill-istess Ftehim Kollettiv. Għall-kuntrarju ta' dak allegat minn MIA, għalhekk, it-Tribunal mhux talli mar kontra xi att li għandu s-saħħa ta' liġi, talli nqeda bih biex jasal għall-fehmiet tiegħu;

Illi għalhekk din it-tielet kawżali m'hijiex mistħoqqa;

Illi dwar ir-raba' kawżali MIA tqanqal il-kwestjoni tar-raġonevolezza tad-deċiżjoni tat-Tribunal billi twassalha sal-livell aktar qawwi tal-irrazzjonalita'. Hija tisħaq li d-deċiżjoni li wasal għaliha t-Tribunal hija waħda irrazzjonali meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi tal-għamil tal-imħarrek li wassalha biex tiddeċiedi li tkeċċih mill-impieg wara li kien ukoll instab ħati ta' dak l-għamil mill-Qorti tal-Maġistrati;

Illi huwa magħruf li waħda mill-oqsma li fihom Qorti tista' tistħarreġ l-operat jew id-deċiżjonijiet ta' tribunal amministrativ hija l-qasam tad-deċiżjoni raġonevoli. Mal-medda taż-żmien, taħt din il-kawżali, l-Qrati bdew jistħarrġu wkoll l-aspett ta' razzjonalita' tad-deċiżjoni li tkun, filwaqt li ma jwarrbux id-dmir ewlieni li ma jissostitwux id-diskrezzjoni tagħhom għal dik tat-tribunali li jkunu qegħdin jistħarrġu;

Illi fl-aħħar żminijiet, il-Qrati tagħna wkoll qiesu dan l-aspett importanti billi raw li d-deċiżjonijiet ta' tali tribunali jkunu juru r-rabta loġika bejn il-motivazzjonijiet f'tali deċiżjonijiet u l-parti dispożittiva tagħhom[44]. Żdied jingħad

[43] Klawsola 1.3 (b) tal-Kodiċi Dixxiplinari (ara paġ. 23 tal-proċess)
[44] Ara, per eżempju, App. Inf. **9.7.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Loftus et vs Mallia noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.ii.53**)

ukoll li deċiżjoni bħal dik "tista' tkun suġġetta għal reviżjoni jekk jinstab illi t-Tribunal ma jkunx ippresta attenzjoni adegwata lill-meriti tal-każ, jew fejn l-eżerċizzju tal-poter diskrezzjonali jkun għal kollox nieqes minn raġuni jew meta l-konklużjoni ultimament raġġunta tirriżulta illoġika"[45];

Illi mehmuża man-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, MIA ressqet studju elaborat dwar l-aspett tal-irrazjonalita' bħala raġuni li ssejjes stħarriġ ġudizzjarju ta' għamil u deċiżjonijiet ta' tribunali amministrativi jew kważi-ġudizzjarji[46]. Hija tgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija irraġonevoli għaliex l-ebda bniedem razzjonali ma kien jiddeċiedi l-każ tal-imħarrek kif qatgħu l-istess Tribunal, dejjem meta wieħed jieħu b'qies il-gravita' tal-għamil tiegħu li falzament jirrapporta li tqiegħdet bomba fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta sewwasew fil-11 ta' Settembru, 2001, meta kien għadu kemm faqqa' l-każ terrorostiku fl-Istati Uniti u qala' pandemonju mad-dinja kollha;

Illi l-Qorti trid tqis iċ-ċirkostanzi b'iżjed kalma mill-mod kif mifhum mill-MIA. Minn stħarriġ imqar mad-daqqa t'għajn tad-deċiżjoni tat-Tribunal, imkien ma jidher li dan ċekken jew xejjen il-gravita' tal-għamil tal-imħarrek. Għall-kuntrarju, ma jidhirx li kien iwaqqa' d-deċiżjoni tat-tkeċċija mill-impieg fuq raġuni sostantiva. Kulma sab it-Tribunal kien li t-tkeċċija mill-impieg kienet ħażina fuq raġuni teknika jew proċedurali. U, minħabba f'hekk, ordna li l-imħarrek jerġa' jitqiegħed fl-istess pożizzjoni li kien qabel ittieħdet dik id-deċiżjoni. Min-naħa l-oħra jidher li l-imħarrek innifsu hekk fehem is-sitwazzjoni, għaliex kien wera li huwa lest li, jekk il-Bord jerġa' jsejjaħlu, kien jidher quddiemu biex iressaq il-każ tiegħu;

Illi l-Qorti ma tistax tifhem kif MIA qiegħda tqis irrazzjonali d-deċiżjoni li l-Bord kiser il-jedd ta' smigħ xieraq tal-imħarrek meta, sewwasew dak inhar li ressqet din il-kawża, bagħtet ittra direttament lill-imħarrek (u din id-

---

[45] App. Inf. **28.3.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Żarb vs Emma Azzopardi noe et***

[46] *Rationality And Judicial Review of Administrative Action* ta' Geoff Airo-Farulla (Melbourne Univ. Law Rev., 2000) Vol: 23

darba mhux lill-avukat tiegħu) biex tgħarrfu li l-Bord tagħha (b'ħarsien tal-istess deċiżjoni tat-Tribunal, li hija kienet sejra tattakka) kien se' jerġa' jiltaqa' biex jisma' l-każ tiegħu. Fi kliem ieħor, l-imġiba ta' MIA innifisha wara l-għoti tad-deċiżjoni minnha issa attakkata kienet dik li tirrimedja dak li l-istess Tribunal kien sab li jikkostitwixxi l-inġustizzja tat-tkeċċija mill-impieg. Il-Qorti la tara li kien hemm xejn irrazzjonali f'dak li għamlet MIA fil-mori ta' din il-kawża, u lanqas f'dak li iddeċieda t-Tribunal;

Illi għalhekk ir-raba' kawżali wkoll m'hijiex qiegħda tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet** tal-imħarrek bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-tielet eċċezzjoni** u għalhekk **tiċħad it-talba attriċi** billi din il-Qorti ssib li ma jeżistux raġunijiet li għalihom għandha tordna t-tħassir tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali fit-2 ta' Settembru, 2004, (Deċiżjoni Numru 1534) fl-atti tal-"Kwestjoni tax-Xogħol bejn Michael Fenech u Malta International Airport p.l.c."; u

**Tordna** li l-kumpannija attriċi **tħallas l-ispejjeż tal-kawża,** ħlief dawk marbuta mal-eċċezzjonijiet preliminari, li għandu jbatihom l-imħarrek.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------